Nru./No. 20,806
Prezz/Price
€71.28

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 15 ta' Marzu, 2022
Tuesday, 15th March, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Pulizija 2825
Police Notices *2825*

Avviżi tal-Gvern ..... 2825 - 4402
Notices ..... *2825 - 4402*

Avviżi tal-Qorti ..... 4402 - 4404
Court Notices ..... *4402 - 4404*

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 23

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Marsa

Mill-Ġimgħa, 25 ta' Marzu, 2022, mill-11.00 p.m., sal-Ħadd, 27 ta' Marzu, 2022, sas-2.00 a.m., ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja, u trasport pubbliku mhux se jkun affettwat minn Triq Balbi (Kmamar tal-Votazzjoni Nri: 32, 33, 34, 35, 36, 37, 38 u 39 – Skola Primarja tal-Gvern), Triq l-Iskola, Triq il-Qaddiefa, Triq il-Qwabar and Triq Simpson.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Marzu, 2022

POLICE NOTICE

No. 23

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Marsa

From Friday, 25th March, 2022, from 11.00 p.m., till Sunday, 27th March, 2022, till 2.00 a.m., clearance only and public transport will not be effected through Triq Balbi (Voting Rooms Nos: 32, 33, 34, 35, 36, 37, 38 and 39 – Government Primary School), Triq l-Iskola, Triq il-Qaddiefa, Triq il-Qwabar and Triq Simpson.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

15th March, 2022

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) tal-artikolu 46 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 356), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi d-Dokumenti għall-Votazzjoni ndirizzati lill-persuni murija fl-iskeda li tinsab wara dan l-avviż ma ġewx notifikati għar-raġunijiet indikati ħdejn kull isem.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-15 ta' Marzu, 2022

Riferenza għad-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma tqassmux

B Ma nstabux fl-indirizz

Il-15 ta' Marzu, 2022

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

Notice

In accordance with the provisions of subarticle (5) of article 46 of the General Elections Act (Cap. 354), the Electoral Commissioners notify that the Voting Documents addressed to the persons shown in the schedule following this notice have not been served for the reasons indicated against each name.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

15th March, 2022

Reference to undelivered Voting Documents

B Not found at the address

15th March, 2022

IN LINE WITH OUR PRIVATE POLICY THE LISTS MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAIN PERSONAL INFORMATION ARE NOT BEING DISPLAYED ONLINE

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

List of Undelivered Voting Documents

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

Avviż

Għall-finijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) tal-artikolu 46 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi d-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma ġewx konsenjati jistgħu jiġu rtirati, fuq talba personali mill-persuni nteressati kemm-il darba huma jipproduċu l-Karta tal-Identità tagħhom, mingħand il-Kummissjonarji Elettorali f'kull ġurnata sa nhar il-Ħamis, l-24 ta' Marzu, 2022, matul il-ħinijiet u fil-postijiet indikati hawn taħt, jiġifieri:-

Mill-Għases tal-Pulizija tal-lokalitajiet fejn l-eletturi huma reġistrati bħala votanti fir-Reġistru Elettorali ta' Frar, 2022 rivedut bid-deċiżjonijiet tal-Uffiċjal Reviżur. Fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar id-Dokumenti għall-Votazzjoni għandhom jiġu rtirati mill-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra u fil-lokalità ta' Marsaskala mill-Iskola fi Triq Lampuka. Fil-lokalitajiet ta' Ħ'Attard, Il-Birgu, Il-Fontana, Ħal Għargħur, L-Għasri, L-Iklin, Il-Kalkara, Ħal Kirkop, Ħal Lija, Il-Mellieħa, Pembroke, Ta' Xbiex u Ix-Xgħajra, id-Dokumenti għall-Votazzjoni għandhom jiġu rtirati mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

L-Erbgħa, 16 ta' Marzu sal-Ġimgħa, it-18 ta' Marzu, 2022:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
Mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m.

Is-Sibt, id-19 ta' Marzu, 2022

Mit-8.00 a.m. sal-10.00 p.m.

Il-Ħadd, l-20 ta' Marzu, 2022

Mit-8.00 a.m. sa nofsinhar

Mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Kumpless tal-Għadd tal-Voti, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar u mill-Uffiċċju tal-Karta tal-Identità, Misraħ San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex.

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

Notice

For the purposes of subarticles (6), (7) and (8) of article 46 of the General Elections Act (Cap. 354), the Electoral Commissioners notify that undelivered Voting Documents may be withdrawn, on personal application by the persons concerned provided they produce their Identity Card, from the Electoral Commissioners on any day up to Thursday, 24th March, 2022, during the hours and at the places shown hereunder, that is:-

From Police Stations of the localities where the electors are registered as voters in the February, 2022 Electoral Register as revised by the decisions of the Revising Officer. In the locality of San Pawl il-Baħar Voting Documents are to be withdrawn from the Qawra Police Station and in the locality of Marsaskala they shall be collected from the Government Primary School in Lampuka Street. In the localities of Ħ'Attard, Il-Birgu, Il-Fontana, Ħal Għargħur, L-Għasri, L-Iklin, Il-Kalkara, Ħal Kirkop, Ħal Lija, Il-Mellieħa, Pembroke, Ta' Xbiex u Ix-Xgħajra, Voting Documents are to be withdrawn from the Office of the Local Council.

Wednesday, 16th March to Friday, 18th March, 2022:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and
From 3.00 p.m. to 9.00 p.m.

Saturday, 19th March, 2022

From 8.00 a.m. to 10.00 p.m.

Sunday, 20th March, 2022

From 8.00 a.m. to noon

From the Office of the Electoral Commission, Vote Counting Complex, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar and from the Identity Card Office, St. Francis Square, Ir-Rabat, Gozo.

Mit-Tnejn, il-21 sal-Erbgħa, it-23 ta' Marzu, 2022:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
Mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m.

Il-Ħamis, l-24 ta' Marzu, 2022, l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
Mit-3.00 p.m. sa nofsillejl.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-15 ta' Marzu, 2022

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi dawk il-persuni li isimhom ikun jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali rivedut, iżda ma jkunx jidher fil-lista pubblikata skont is-subartikolu (5) tal-artikolu 46 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), u li ma jkunux irċevew id-Dokument għall-Votazzjoni jew li, wara li jkunu rċevew dak id-dokument, ikunu tilfuh jew iddistruġġewh, jistgħu japplikaw personalment għand il-Kummissjonarji Elettorali mill-Uffiċċju tagħhom fil-Kumpless tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar, u mal-produzzjoni tal-Karta tal-Identità tagħhom u fuq dikjarazzjoni bil-ġurament kif ikunu meħtieġa mill-Kummissjonarji Elettorali, għandhom jingħataw Dokument għall-Votazzjoni Speċjali. Dawk il-persuni jistgħu jmorru l-Uffiċċju tal-Kummissjonarji Elettorali f'kull ġurnata, sa nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Marzu, 2022, sad-9.00 p.m., matul il-ħinijiet li jidhru hawn taħt, jiġifieri:

Mit-Tnejn sal-Ħadd:

Mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

From Monday, 21st to Wednesday, 23rd March, 2022:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and
From 3.00 p.m. to 9.00 p.m.

Thursday, 24th March, 2022, last day:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and
From 3.00 p.m. to midnight

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

15th March, 2022

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

Notice

In accordance with the provisions of article 47 of the General Elections Act (Cap. 354), the Electoral Commissioners notify that those persons whose name appears in the last revised Electoral Register, but does not appear in the list published under subarticle (5) of article 46 of the General Elections Act (Cap. 354), and who have not received the Voting Document or who, after the receipt of such document, have lost or destroyed it, may apply personally to the Electoral Commissioners at their Office, Vote Counting Complex, Naxxar, and upon the presentation of their Identity Card and upon the making of any declaration on oath as may be required by the Electoral Commissioners, shall be given a Special Voting Document. Such persons may call at the Electoral Office on any day up to Wednesday, 23rd March, 2022, at 9.00 p.m., during the hours shown hereunder, that is:

From Monday to Sunday:

From 8.00 a.m. to 2.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

L-Erbgħa, it-23 ta' Marzu, 2022; l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m.

Ngħarrfu wkoll illi dawk il-persuni li huma reġistrati bħala eletturi f'xi parti tar-Reġistru Elettorali li jirreferixxi għal Għawdex, jistgħu japplikaw għal u jirtiraw id-Dokument għall-Votazzjoni speċjali tagħhom, fuq talba, bħalma hu speċifikat iżjed 'il fuq, mingħand il-Kummissjonarji Elettorali fl-Uffiċċju tagħhom, Uffiċċju tal-Karta tal-Identità, Misraħ San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet li jidhru hawn fuq.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-15 ta' Marzu, 2022

Wednesday, 23rd March, 2022; last day:

From 8.00 a.m. to 2.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to 9.00 p.m.

It is further notified that those persons who are registered as voters in any part of the Electoral Register which relates to Gozo, may apply for and withdraw their special Voting Document on application, as specified above, from the Electoral Commissioners at their Office, Identity Card Office, St. Francis Square, Ir-Rabat, Gozo, during the hours shown above.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

15th March, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

436

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Novembru, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fil-5 ta' Novembru, 2021, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Destiny Mercieca (KI 0081601L) ta' 46, St Joseph, Triq Hookham Frere, Tal-Pietà, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1133.15, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 320/2021SFJ) hija differita għat-23 ta' Marzu, 2022, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Marzu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 12th November, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C10865) today Epic Communications Limited (C10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 5th November, 2021, whereby they asked the Tribunal to condemn Destiny Mercieca (ID 0081601L) of 46, St Joseph, Triq Hookham Frere, Tal-Pietà, to pay the plaintiff company the sum of €1133.15, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 320/2021SFJ) is deferred on the 23rd March, 2022, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 14th March, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

437

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Marzu, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fis-17 ta' Frar, 2021, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Sheridan Lia (KI 64500L) ta' 17, Triq San Frangisk Saverju, Birżebbuġa, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €778.01, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 61/2021SFJ) hija differita għat-23 ta' Marzu, 2022, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Marzu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 12th March, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C10865) today Epic Communications Limited (C10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 17th February, 2021, whereby they asked the Tribunal to condemn Sheridan Lia (ID 64500L) of 17, Triq San Franġisk Saverju, Birżebbuġa, to pay the plaintiff company the sum of €778.01, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 61/2021SFJ) is deferred on the 23rd March, 2022, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 14th March, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

438

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-30 ta' Novembru, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 701/21NC3 RTPB, li ġie ppreżentat fl-20 ta' Lulju, 2021, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Neolena Enterprises Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat.

Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn:

Tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokument miegħu anness jiġu notifikati lis-soċjetà intimata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att ġudizzjarju.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmi hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar is-7 ta' April, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Noelena Enterprises Ltd, 36/4, Isolamare, Triq Bouverie, Il-Gżira

By Order of the Civil Court, First Chamber, 30th November 2021, in the acts of the Sworn Application number 701/21NC3 RTPB, filed on 20th July, 2021, in the names of Kummissarju tat-Taxxi vs Neolena Enteprises Ltd, the following publication was ordered to serve as notice to the respondent, in accordance with Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

The applicant requested this Honourable Court to, inter alia:

A copy of this application and of the document annexed thereto shall be served on the respondent company in accordance with the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta, as if this application and this document were a judicial act.

The Sworn Application in the above names is adjorned for hearing 7th April, 2022, at 9.00 a.m.

Notice to Respondent: Noelena Enterprises Ltd, 36/4, Isolamare, Triq Bouverie, Gżira

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Marzu, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 14th March, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

439

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-23 ta' Frar, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1244/2021NC3, li ġie ppreżentat fis-16 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet Hotel San Antonio Ltd vs Lumisfar Film Malta Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat.

Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' erbgħa u tletin elf u erba' mija u tmienja u disgħin ewro (€34,498).

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmi hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar is-3 ta' Mejju, 2022, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Lumisfar Film Malta Ltd, A3 Towers, Blk A3, Level 3, Triq il-Kanonku M. Bologna, Paola

By Order of the Civil Court, First Chamber, 23rd February, 2022, in the acts of the Sworn Application number 1244/2021NC3, filed on 16th December, 2021, in the names of Hotel San Antonio Ltd vs Lumisfar Film Malta Ltd, the following publication was ordered to serve as notice to the respondent, in accordance with Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

The applicant requested this Honourable Court to, inter alia: Order the defendant company to pay the applicant company the sum of thirty-four thousand four hundred and ninety-eight euro (€34,498).

The Sworn Application in the above names is adjorned for hearing 3rd May, 2022, at 9.30 a.m.

Notice to Respondent: Lumisfar Film Malta Ltd, A3 Towers, Blk A3, Level 3, Triq il-Kanonku M. Bologna, Paola

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Marzu, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 14th March, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

440

Billi b'digriet tal-14 ta' Marzu, 2022, mogħti fuq rikors ta' Liliana Mifsud pro et noe ppreżentat fl-4 ta' Jannar, 2022, fl-atti tar-Rikors numru 19/2022, fejn fih ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-inventarju tal-assi tal-mejta Giovanna Rapinett (KI 5535M), armla minn Michael Rapinett, bint il-mejtin Giuseppe Darmanin u Concetta née Felice, imwielda l-Ħamrun, Malta, u mietet Tal-Pietà, Malta, fl-20 ta' Awwissu, 2015, ta' 80 sena.

Din il-pubblikazzjoni li se ssir nhar it-Tnejn, 4 ta' April, 2022, fis-sagħtejn ta' waranofsinhar (14.00 p.m.) f'51, Flat 1, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta, Malta, taħt il-Ministeru tan-Nutar Emma Amato.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 14 ta' Marzu, 2022

CARMEN SCICLUNA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 14th of March, 2022 given on an application of Liliana Mifsud pro et noe, filed on the 4th of January, 2022, in the records of application number 19/2022 wherein it was ordered the publication of the inventory of the estate of the late Giovanna Rapinett (ID 5535M), widow of Michael Rapinett, daughter of the late Giuseppe Darmanin and the late Concetta née Felice, born at Ħamrun, Malta, and died at Tal-Pietà, Malta, on the 20th of August, 2015, aged 80.

This publication is going to be held on Monday the 4th of April, 2022, at two in the afternoon (14:00pm) at 51, Flat 1, Triq l-Ifrant, Valletta, Malta, under the ministry of Notary Emma Amato.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today the 14th March, 2022

CARMEN SCICLUNA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603